MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2003

Appell Kriminali Numru. 46/2003

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)
Vs

Hassan Khaled

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-8 t'April, 2001, ghall-habta tat-8.55 p.m. fil-hanut Crazy Chef, Main Street, St. Julians, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998

dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partijiet 1,2,3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51, 77(a) u (e) u 82(2) ta' l-Att Nru.XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Marzu, 2003, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a) u (e) u 82(2) ta' l-Att XXIII ta' l-1998 u l-partijiet 1,2,3 u 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-istess Att, sabet lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghal piena ta' LM200 multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Marzu, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tiddikjara lill-esponent mhux hati tal-imputazzjoni w tilliberah skond il-ligi. Minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tallum li bih l-Ufficjal Prosekutur irrimetta ruhhu ghall-appell anke minhabba l-fatt li persuna li tat l-informazzjoni lix-xhud u cioe' Mohammed Ali Khamis Mehany ma gietx ingunta bhala xhud quddiem l-ewwel Qorti.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi migjuba quddiem din il-Qorti ma tirrizulta ebda prova kontra l-appellant ghax il-persuna li allegatament ma tatx l-ircevuta fiskali kienet skond ma jidher mid-dokument a fol. 5 tal-process u mix-xhieda ta' Carmelo Cassar, Mohammed Ali Khamis Mehany, u dan ma ngabx bhala xhud quddiem l-ewwel Qorti.

Ghalhekk kull ma qal lil VAT inspectors huwa "hearsay evidence" u ma jikkonstitwix prova kontra l-appellant. Inoltre skond l-applikazzjoni ghal registrazzjoni a fol. 4 tal-process, l-isem tan-negozju tal-appellant huwa differenti minn dak li jidher fic-citazzjoni.

Fl-assenza  kompleta ta’ provi ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief tilqa’ l-appell u tillibera lill-appellant.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------